MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 715/2003

**Aquatess Limited**

**vs**

**Marvic Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' April, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm185.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-4 ta' Ottubru 2002, 1 ta' Novembru 2002, 10 ta' Dicembru 2002, 13 ta' Jannar 2003 u 18 ta' Frar 2003, u bl-imghax ta' 8% fuq Lm185.00 mill-4 ta' Otubru 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm185.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Ottubru 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------